MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2617/2000/1

**Carmel Vella**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Seychell**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-26 ta' Novembru, 1999 ghal habta tal-12.30 p.m. waqt li l-attur li jahdem bhala messaggier mal-Gvern, kien qieghed hdejn il-gate tal-Iskola "Liceo Maria Regina", f'Schembri Street, Hamrun jiggwida lit-tfal li kienu hergin mill-istess skola mit-traffiku li jkun ghaddej mill-istess triq, hu safa milqut mix-xarabank numru FBY 649 misjuqa mill-konvenut u kkagunalu danni kif jirrizulta ahjar waqt it-

trattazzjoni tal-kawza u mill-annessi dokumenti mmarkati CV1 CV2 u CV3.

Premess illi dan l-incident stradali gara b'imperitia bi traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Premess illi l-konvenut gie interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-26 ta' Novembru, 1999 li fih korra serjament l-attur u ghad danni kollha konsengwenzjali.

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, id-danni kollha subiti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-21 ta' Jannar, 2000, u tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2000 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur innifsu.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Per konsegwenza, it-tielet talba tal-attur ghandha tkun rigettata ukoll billi ma hemmx lok ghall-kundanna ta’ l-eccipjent ghall-hlas ta’ danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 23 li bih gew nominati Mr. A. Bernard u Mr. Charles Swain bhala esperti;

Rat ir-rapport taghhom a fol 40;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

**Skond l-okkorrenza** a fol 5 fid-driver’s statement hemm imnizzel li :

“Carmel Seychell averred that he was driving bus FBY649 Bedford along Schembri Rd, Hamrun, uphill, when all of a sudden a man crossed the road from behind a parked bus EBY 549 and dashed into the front left panel and front wheel. Subject averred that he was driving his Bus FBY649 Bedford crawling after other vehicles. Subject averred that said man crossed from his left side pavement of Maria Regina School”.

**PS 768 S. Brincat** xehed li meta wasal fuq il-post C. Vella kien diga ttiehed l-isptar, mentri Seychell kien fuq il-post. Wara kien kellem lill Vella l-isptar u dana qallu li kien qed jidderigi t-tfal ta’ l-iskola biex jaqsmu u gie mtajjar. Hu jiftakar li kien fuq il-bankina tan-naha tal-hajt ta’ l-iskola fejn hemm il-gate.

Fil-Qorti **l-attur** xehed li kien mas-supervisor ta’ l-iskola, Domnic Attard, fejn il-gate minn fejn johorgu t-tfal biex jirkbu x-xarabank, sabiex jiehdu hsieb li t-tfal ma jkorrux. Kien hemm hafna karozzi z-zewg nahiet tat-triq u

ghalhekk kellhom joqghodu aktar attenti mis-soltu ghat-tfal. Minn dina l-gate johorgu ammont kbir ta’ studenti fl-istess hin biex jirkbu x-xarabanks. Kien hemm xarabank ipparkjata magemb il-bankina man-naha ta’ l-iskola xi zewg metri l-isfel mill-grada ta’ l-iskola. Huwa kien faccata tal-grada qieghed maqlugh mill-bankina jilqa’ t-tfal hergin.

F’daqqa wahda hass daqqa kbira fuq genbu x-xellugija u waqa’ ma’ l-art u ma jafx x’gara aktar.

Meta gie kontroezaminat qal li dak il-hin il-bankina u t-triq kienet mimlija bit-tfal jistennew il-coach biex tghabbihom. Kienu telghin diversi buses bit-tfal. Il-bus li laqtitlu ma kinitx ghadha ghabbiet it-tfal. Fil-hin tal-incident hu ma resaqx lura. Hu kien taht il-bankina ghax fuq il-bankina kien hemm it-tfal. Kien xi 2 piedi l-boghod mill-bankina. Il-konvenut qala x-xarabank ipparkjata, tefgha l-gewwa u laqtu. Hu waqa fit-triq magemb il-bankina.

**Domnic Attard** xehed li kien ma l-attur fejn il-grada ta’ l-iskola fejn johorgu t-tfal biex jirkbu x-xarabanks. Hu kkonferma dak li qal l-attur. Dak in nhar kien hemm hafna traffiku (kien hemm partita football ukoll) u kienu anke talbu l-assistenza tal-pulizija biex jidderigu t-traffiku. Mill gate johorgu madwar 1380 student fl-istess hin. Huma qaghdu aktar attenti mis-soltu minhabba f’hekk. Hu kien fejn ix-xarabank li kienet ipparkjata fejn l-iskola u l-attur kien bi drittu xi 6 sa 7 metri ‘l boqghod minnu jilqa’ t-tfal li kienu hergin b’idejh miftuha.

F’daqqa wahda telghet xarabank ohra minn naha t’isfel tat-triq u ghaddiet vicin hafna minn mieghu u imbaghad ra tolqot lill attur bil-fanal fuq il-genb tax-xellug u l-attur inbaram ghall taht ir-rota tax-xellug li qabdet sieq l-attur u r-rota bdiet iddur fil-vjot. Hu beda jhabbat bis-sahha fuq il-bus u jghajjat lix-xufier biex jieqaf.

Fuq kontroezami wiegeb li t-tfal ma johorgux kollha f’daqqa, izda ftit ftit imma fl-istess hin, u jmorru gol privates. L-attur kien aktar il gewwa mix-xarabank ipparkjata. Il-konvenut kien ser jghabbi t-tfal minn quddiem il-gate. Il-gate mhiex qeghda dritta fit-triq imma

imxeqilba lejn ix-xellug. Hu ra l-bus tilwi l-gewwa. Dak il-hin it-tfal kienu hdejn il-gate jistennew biex jitilghu.

**Alfred Caruana**, Assistant Head, xehed li ma kienx ra l-incident, izda meta mar fejn gara l-incident ra lill Vella ftit ‘l barra mill-bankina wiccu ‘l fuq ma’ l-art. Kien hemm xarabank li ggor lit-tfal ftit boghod minnu.

**Carmen Bonello** xehdet li t-tfal ma johorgux kollha f’salt. Tigi bus partikolari u johorgu l-istudenti li jkunu ser jitilghu fuqha.

**Il-konvenut** xehed li hu kien double parked qed jistenna lit-tfal ta’ l-iskola jispiccaw halli jghabbuhom u jitilqu. Hu kien ghabba minn fejn kien, izda ma kellux bus mimlija. Il-bus ta’ quddiem ghabbiet, u bdiet miexja bil-mod ‘l quddiem. Hu ghamel l-istess u kif mexa ‘l quddiem qiesu tul ta’ nofs bus, ra lill attur barra mill-bankina qrib il-parti ta’ quddiem tal-lemin tal-bus li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu. Kien qed jilqa’ tfal li kienu hergin mill-iskola darhu lejn it-triq. Kompla tiela ftit iehor meta sema lill Domnic Attard jghajjat biex jieqaf. Dak il-hin l-attur kien hareg mill-vista tieghi. It-tfal li kellu nizlu mill-bieba ta’ wara.

Hu cahad li hu kien ser jilwi fuq ix-xellug lejn il-gate sabiex itella xi tfal minn hemm. Hu kien diga ghabba u kien sejjer ghad-dritt. Mhux veru li hu laqat lill attur bil-quddiem tax-xellug tal-bus. L-attur intlaqat bil-genb tal-bus. Kien ra demm ma l-iskorfina tar-rota tax-xellug u bicciet ta’ laham mat-tyre.

Fuq kontroezami wiegeb li hu ma baqax jara lil Vella ghax kien qabzu.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT

Il-kaz li fih id-driver jista’ jkun ezentat mir-responsabilita', hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-driver f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega

dan ma setax assolutament jevita l-investiment. App. Krim Il-Pulizija vs C.Mifsud Vol 38 p 859; Pul vs J. Vella 5.2.66; u Pul vs J. Attard Portughes 10.12.66

Mhemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas dan m'ghandu jitqies bhala intruz. Hu ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghal utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza, App Civ. S. Bonaiglas vs J. Mercieca 20.1.70

Ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negligenti, pero’ dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-pedestrian lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva (App. Krim Pul vs J. Formosa XL111 p 4 p 1023).

Emergenza subitanea tavvera ruha ez. meta persuna taqsam f'daqqa u tissorprendi lil konducent, jew taghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim Pul vs J. Thorton XLV p4 p 920), jew "meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza". (App. Krim Pul vs Cassar Desain Vol XLV1 p4 p 765).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana sancit principjî importanti f'materja tal- limiti tar-responsabilita' ta’ konducent meta jigi mtajjar pedestrian. Dawn huma:

1) *Che il conducente per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti.*
2. *Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo.*

3. *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Illi l-attur kien taht il-bankina b'idejh miftuha qed jilqa' u jzomm lit-tfal biex ma johorgux fit-triq u jistennew sakemm tigi l-bus taghhom biex jitilghu. Ma giex pruvat li kien hemm xi rassa fuqu. Magembu, ftit l-isfel fit-triq, kien hemm Domnic Attard jaghmel l-istess haga. Magemb dan Attard kien hemm xarabank ipparkjata mal-bankina. Hin minnhom giet il-bus misjuqa mill-konvenut, li ghaddiet magemb Attard u imbaghad laqghtet lill attur li spicca taht ir-rota tax-xarabank. L-attur ma rahx kif intlaqat izda Domnic Attard setgha jara kif gara l-incident u fil fatt xehed hekk:

*"L-attur kien aktar il gewwa mix-xarabank ipparkjata. Il-konvenut kien ser jghabbi t-tfal minn quddiem il-gate. Il-gate mhiex qeghda dritta fit-triq imma imxeqilba lejn ix-xellug. Hu ra l-bus tilwi l-gewwa. Dak il-hin it-tfal kienu hdejn il-gate jistennew biex jitilghu".*

Il-konvenut cahad li kien ser jghabbi t-tfal ghax qal li hu kien diga ghabba meta kien wieqaf. Hu xehed li kien ghabba minn fejn kien, izda ma kellux bus mimlija. Il-bus ta' quddiem ghabbiet, u bdiet miexja bil-mod 'l quddiem. Hu ghamel l-istess u kif mexa 'l quddiem qiesu tul ta' nofs bus, ra lill attur barra mill-bankina qrib il-parti ta' quddiem tal-lemin tal-bus li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu. Kien qed jilqa' tfal li kienu hergin mill-iskola darhu lejn it-triq. Kompla tiela ftit iehor meta sema lill Domnic Attard jghajjat biex jieqaf. Dak il-hin l-attur kien hareg mill-vista tieghu.

Din il-versjoni tikkontrasta ma dika li hu kien ta' lis-surgent tal-pulizija a tempo vergine ftit wara l-incident fejn qal li:

*Carmel Seychell averred that he was driving bus FBY649 Bedford along Schembri Rd, Hamrun, uphill, <u>when all of a sudden a man crossed the road from behind a parked bus EBY 549 and dashed into the front left panel and front wheel……”.</u>*

Mill provi prodotti, u anke mill-istess xhieda tal-konvenut fil-Qorti bil-gurament, imkien ma jissemma li l-attur hariglu u l-konvenut kellu emergenza subitanea ghax l-attur qasamlu inaspettatament. Hu jghid li ra lill attur barra mill-bankina qrib il-parti ta’ quddiem tal-lemin tal-bus fuq ix-xellug tieghu qed jilqa’ tfal li kienu hergin mill-iskola darhu lejn it-triq.

Ghalkemm il-konvenut kien ra lill attur qabel l-incident, quddiem il-bus l-ohra, wara li qabzu, hu ma rahx aktar u lanqas induna li kien laqtu, u kien biss bl-ghajjat ta’ Domnic Attard u t-tisbit tieghu fuq il-bus, li gieghluh jieqaf.

Il-konvenut kellu l-obbligu li jsuq bil-mod hafna u jzomm proper look out assidwu ghal dak kollu li kien qed jigri mhux biss quddiemu izda wkoll madwaru in vista tal-fatt li fit-triq kien hemm hafna traffiku; kien hemm karozzi privati u xarabanks ipparkjati fuq iz-zewg nahiet tat-triq; u mill-iskola kienu qed johorgu ‘l fuq minn elf student. Dana kollu l-konvenuti kien jafu ghax kien wiehed mid-drivers li jigbor dawn l-istudenti u kien ilu hemm jistenna u ghalhekk jaf x’traffiku kien hemm.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut pero’ ma kienx qed izomm dan il-proper look out assidwu li titlob il-ligi u c-cirkostanzi partikolari ta’ dak in-nhar billi hu ma zammx lill attur, li kien ra qabel, il-hin kollu taht ghajnejh. Anzi skond Domnic Attard ir-raguni proprja ghall incident kienet ghax il-kovnenut gibed fuq ix-xellug tieghu u ghall l-ewwel klien ser itajjar lill Attard stess imbaghad fil-fatt tajjar lill attur.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li t-tort principali ghal investiment kien tal-konvenut.

Kwantu ghall attur, jirrizulta li dana kien taht il-bankina izda kopert bix-xarabank li kienet ipparkjata. Ma jirrizultax

li l-attur hareg inaspettament fil-kareggjata tal-bus tal-konvenut imma ghall kuntrarju jirrizulta li l-konvenut ghafas izzejjed fuqu u laqtu.  Meta spicca ma l-art, l-attur gie fejn il-bankina u mhux f'nofs it-triq.

Ma hemmx dubbju li pedestrian huwa intitolat ghall ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers anke meta huma jinzlu mill-bankina u jkunu fil-carriageway u ghalhekk dana l-fatt ma jezonerax lid-driver mill-juza reasonable care, Vol 37 p 4 p 1157.

Il-fatt li l-attur kien daru lejn il-bus, ma jfissirx li hu ma kienx attent ghal dak li qed jigri warajh jew li ma kienx qed jhares lejn it-triq. Anzi hu kien qed izomm lis-studenti milli jersqu lejn it-triq appuntu ghax kien jaf li kien hemm it-traffiku ghaddej. Hu kien qed izomm l-studenti milli jmorru fit-triq, u ghalhekk hu stess ma kienx ser jaghmel dak li kien qed izomm lill haddiehor mill jaghmel.

Kwantu ghall hsara fix-xarabank dina taqbel mal-versjoni ta' Attard fis-sens li dan ra lix-xarabank tolqot lill attur bil-fanal fuq il-genb tax-xellug  u l-attur inbaram ghall taht ir-rota tax-xellug li qabdet sieq ta' l-attur u r-rota bdiet iddur fil-vjot.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-kawza principali u unika ghall incident kienet dika tan-nuqqas ta' proper look out da parti tal-konvenut.

**Disabilita' fisika**

**Rapporti Medici**

L-attur ipprezenta rapport mediku ta' Dr. Francis X Darmanin li tah disabilita' permanenti ta' bejn 15 - 17%. (fol 13).  Fir-rapport Dr. Darmanin jikkonkludi li : "*In view of the above injury and residual disability sustained by Mr.Vella, I rate the total permanent disability in the region of 15-17%. This <u>excludes</u> the possible permanent disability that may arise from restricted knee movements which may become apparent in the future.*"

L-esperti nominati minn dina l-Qorti fir-rapport taghhom a fol 40 ikkonkludew li llum sittax -il xahar wara l-incident, Vella ghandu disabilita' permanenti b'rizultat dirett ta' l-istess incident ammontanti ghall 22%.

Wara dana r-rapport l-attur rega pprezenta rapport iehor ta' Dr. Darmanin datat 18 ta' Frar 2002 li ccertifika li (ara fol 65) l-attur f'temp ta' sitt xhur iddahhal darbtejn l-isptar minhabba infection ghal left knee scar u minhabba "*the recurrence of these infections he might need corrective surgery in the near future*".

Il-Qorti ser taccetta l-persentagg moghti mill-esperti nominati minnha billi dana jahseb ghal dak li Dr. Darmanin ma nkludiex fic-certifikat tieghu.

**Damnum emergens**

L-attur ipprezenta is-segwenti dokumenti bhala spejjez li ghamel u telf ta' xoghol li sofra bhala konsegwenza ta' dana l-incident.

| | | |
|---|---|---|
| CV4 sa CV11 (a fol 29 sa 37) | fl-ammont ta' Lm | 794.370 |
| Dok fol 56 | fl-ammont ta' Lm | 95.304 |
| Dok fol 64 | fl-ammont ta' Lm | 95.170 |
| Dok fol 76 | fl-ammont ta' Lm | 45.000 |
| Dok fol 90 | fl-ammont ta' Lm | 40.000 |
| TOTAL | | **Lm1069.84.4** |

Dawn l-ammonti ma gewx kontestati.

**Lucrum cessans**

L-attur ipprezenta d-dokumenti CV12 sa CV 14 a fol 47 sa 49 li huma l-P3 ghas snin 1999 sa 2001.
Earnings as at 31/12/98 kellu Gross Total Lm4,700.56.7 Net Lm4,334.26.7
Earnings as at 31/12/99 kellu Gross Total Lm4,758.49.2 Net Lm4,351.21.2
Earnings as at 31/12/00 kellu Gross Total Lm4,112.46.7 Net Lm3,749.36.1

**Emmanuel Muscat**, ufficjal edukattiv ma' l-Education ikkonferma li l-attur sa Mejju 2000 titef *overtime* fl-ammont ta' LM 562.28 minhabba l-korriment. Ghadu sal lum ma jaghmilx overtime u evening classes.

Fid-data ta' l-incident kellu 51 sena. ID Card No 96648(M) Hu baqa' jircievi l-paga izda jitlef flus ta' overtime tal-evening classes. L-attur xehed li minhabba l-incident kien dam xaghrejn l-isptar u xi 7 xhur biex rega dahal lura ghax-xoghol.

Bhala multiplier xieraq f'dana l-kaz il-Qorti ser tiehu 10 snin. L-attur kien jircievi salarju ta' ftit il fuq minn tlett elef lira u ghalhekk biex taghmel tajjeb ghall tnaqqis fil-valur tal-flus meta tqies il-multiplier u zidiet fil-paga, il-Qorti ser timxi fuq dhul medju ta' Lm4,000 fis-sena. Billi s-sentenza ser tinghata kwazi 4 snin wara li gara l-incident, ser issir deduction ta' 10% bhala lump sum payment.

Lm4,000 x 10 snin = Lm 40,000
22% = Lm 8,800
10% = Lm 7,920
**Total Lm 7,920**

**RIEPILOGU**

| | | |
|---|---|---|
| **Damnum Emergens** | | **Lm 1069.84.4** |
| **Lucrum Cessan** | **Lm** | **7920.00,0** |
| **Total** | **Lm** | **8989.84.4** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici u
tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-26 ta' Novembru, 1999 li fih korra serjament l-attur u ghad danni kollha konsengwenzjali.

Tillikwida d-danni kollha subiti mill-attur fl-ammont ta' tmien elef disa' mija disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin cecentezmu (Lm8,989.84.4);
Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.
Bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------